MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Numru. 8/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Suleiman Salem Hassan**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Suleiman Salem Hassan**, ta' sitta u tletin (36) sena, iben Salem u Butul neé Abrahim, imwieled is-Sudan, nhar l-1 ta' Jannar, 1975, residenti fil-fond Fingest House, Block C, Flt 4, Triq Innocenz Zammit, Msida, Malta, u detentur tac-Certifikat tal-Immigrazzjoni bin-Numru 1832AA u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 30722(A), akkuzat talli nhar is-27 ta' Jannar 2011 gewwa r-Rabat, Ghawdex, ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30 hrs):

1. b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara ta' madwar sebat'elef Euro (€7,000) ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara ta' madwar elfejn Euro (€2,000) ghad-detriment tal-kumpanija Melita;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara ta' madwar tlett mitt Euro (€300) ghad-detriment tal-kumpanija GO;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni TWN 192 ghad-detriment ta' Domenic Sultana (I.D. Nru. 358G);

5. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBB 126 ghad-detriment ta' Raymond Farrugia (I.D. Nru. 20259G);

6. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi saq vettura fin-numru tar-registrazzjoni JAR 384 minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u/jew Awtorita' kompetenti ohra;

7. fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAR 384 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

8. sar sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-inkartament kollu tal-*Proces Verbal* numru 211/11 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 53 *et seq.*).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 166).

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti kif preseduta fit-12 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti, fost l-ohrajn, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza (*a fol.* 169).

Rat illi, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 183), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 183), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 184 *et seq.*), lid-difiza taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, xehed **Vince Scicluna** (*Senior Technical Officer* (GO plc) – *a fol.* 18 *et seq.*) fejn spjega li huwa mar fuq il-lok fejn gratilhom hsara fil-linji tat-telefon u tal-*cables* u qal li sar *total costing* ta' €472.21 u ezebixxa dokument in sostenn ta' dan liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "VS" (*a fol.* 20).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, xehed ukoll **Sammy Camilleri** (Gozo *area manager* (Melita Cable plc) – *a fol.* 21 *et seq.*) fejn spjega li giet kagunata lilhom hsara li tammonta ghal €2454.

**Sammy Camilleri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2011 (*a fol.* 125) fejn ezebixxa l-istimi in konnessjoni mal-hsarat li sofrew in segwitu tal-incident *de quo*, liema stima giet immarkata bhala Dok. "SC" (*a fol.* 126).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, xehed ukoll l-**Inginier John Mizzi** (*Professional Executive – Electrical Engineer –* (Enemalta) – *a fol.* 23 *et seq.*) fejn ezebixxa r-ritratti li juru l-hsarat li saru fuq erba' (4) arbli li saru mit-trakk, liema ritratti gew immarkati bhala Dok. "JM 1" u "JM 2" (*a fol.* 25 *et seq.*). Jghid li ma ghandux stima peress li din jiehdu hsiebha tal-Finanzi pero xehed li l-ispejjez kagunati lil Enemalta jammontaw ghal aktar minn €5000.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, xehed ukoll **Domenic Sultana** (*a fol.* 27 *et seq.*) fejn qal li kellu vettura Mazda bin-numru ta' registrazzjoni TWN 192 pparkjata fejn l-istabbiliment tieghu u x'hin gara l-incident waqa' arblu u laqat il-vettura, precizament fuq il-pilastru tal-*windscreen*, u x'hin waqghu l-*wires* barxu l-vettura kollha. Ezebixxa stima li giet immarkata bhala Dok. "DS" (*a fol.* 29).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 156 *et seq.*), xehed li l-hsarat li saru fuq il-vettura tieghu gew kollha msewwija. Jghid li huwa ma thallas minn hadd. Jghid li l-vettura in kwistjoni kienet gdida fjamanta u li l-hsarat jammontaw ghal €1,660.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2011, xehed ukoll **Raymond Farrugia** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjega li kellu *van pick-up* ipparkjat mal-hajt, waqa' fuqu arblu tad-dawl u saritlu l-hsara. Spjega fiex kienu jikkonsistu dawn il-hsarat u ezebixxa stima li giet immarkata bhala Dok. "RF" (*a fol.* 32 *et seq.*).

In kontro-ezami kkonferma li dakinhar tal-akkadut l-imputat kien jahdem mal-kumpanija taghhom bl-isem ta' Zombor Enterprises.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 154 *et seq.*), spjega li huwa proprjetarju tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBB 126 u qal li l-hsarat kollha kagunati fil-vettura gew kollha mhallsa.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' April 2011, xehed **il-Perit Guido Vella** (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn ezebixxa rapport u pjanta tal-post fejn gara l-incident li gew immarkati bhala Dok. "GV" (*a fol.* 40 *et seq.*).

In kontro-ezami gie mistoqsi xi domandi rigward ir-rapport redatt minnu.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' April 2011, xehdet ukoll **Jacqueline Busuttil** (*Accounts Section (*Enemalta) – *a fol.* 80 *et seq.*) fejn ezebit *invoice* u *breakdown* tal-hsarat li gew kagunati, liema dokument gie immarkat bhala Dok. "JB" (*a fol.* 82 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2011, xehed **is-Sur Joseph Zammit** (*a fol.* 86) li kien gie mahtur bhala espert tekniku sabiex jaghmel ezamijiet fuq vettura li kienet involuta fl-incident. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JZ" (*a fol.* 87 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2011, xehed ukoll **Max Xuereb** (*a fol.* 113) li kien gie mahtur bhala *Scene of Crime Officer* fl-Inkjesta Magisterjali. Ezebixxa tmienja u tletin (38) ritratt li gew immarkati bhala Dok. "MX" (*a fol.* 114).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2011, xehed **PS 664 Jason Xerri** (*a fol.* 119) rigward l-okkorrenza redatta minnu, liema okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JX" (*a fol.* 121 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 139), id-difiza ezebiet kopja ta' licenzja tas-sewqan tal-imputat, liema licenzja giet immarkata bhala Dok. "JPG 1" (*a fol.* 140).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2013, xehed **Saviour Farrugia** (*a fol.* 144 *et seq.*) fejn spjega li bejn l-20 ta' Ottubru 2010 sas-27 ta' Jannar 2012 il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAR 384 kienet issejjah lil Elizabeth El Kaite. Mistoqsi jghid jekk fis-27 ta' Jannar 2011 il-licenzja tal-vettura msemmija kienitx imhallsa regolari, wiegeb li ghas-sena li tibda mill-1 ta' Novembru 2010 sat-30 ta' Ottubru 2011 il-licenzja thallset fl-1 ta' Novembru 2010. Jispjega li biex il-licenzja tkun mhallsa jrid ikun hemm l-*insurance* mhallsa.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 146) fejn ikkonferma r-rapport li kien ghamel il-Magistrat Inkwirenti Dr. Paul Coppini, liema rapport jinsab *a fol.* 59 tal-process. Ikkonferma wkoll l-istqarrija rilaxxata mill-imputat li tinsab *a fol.* 7 *et seq.* tal-process.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 147), l-imputat iddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013, xehdet **Elizabeth El Khiate** (*a fol.* 149 *et seq.*) fejn spjegat li l-imputat kien jahdem mar-ragel taghha. Tispjega li gew avvicinati biss mill-Enemalta u li huma ghamlu kuntratt maghhom fis-sens li jhallsuhom mitejn Euro (€200) fix-xahar. Tghid li l-ammont kollu gie mhallas. Ezebiet dokument li jindika l-hlasijiet li saru, li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "EK" (*a fol.* 151 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (*a fol. 7 et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Tabone, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt (*a fol.* 7), l-imputat spjega li dakinhar tal-akkadut kien qed jaghmel xi xoghol fil-*yard* taz-Zombor. Jghid: *"Nghid li jiena kont qieghed nahdem fuq gabina safra li hemm gol-yard taz-Zombor. Nghid li jiena pruvajt nerfgha l-gabina bil-highup u ghal xi raguni inqatghha l-habel. Nghid li jiena dak il-hin irkibt got-truck u tlaqt minn gol-yard taz-Zombor biex inmur ghand mekkanik li hemm vicin biex jaghtini katina biex inkun nista' nkompli nahdem. Nghid li jiena dak il-hin insejt il-gib tal-high-up mtellgha u malli dort mar-roundabout li hemm fejn il-yard taz-Zombor f'hin minnhom hassejt it-truck jiskossja u waqaft u nzilt nara x'gara. Malli nzilt iccekkjat it-tyres tat-truck u rajt li kollox kien sew u malli harist il-fuq rajt il-gib imqabbad mal-wires. Nghid li jiena waqaft u ftit wara gew il-Pulizija"* (*a fol.* 8). Jghid li licenzja tas-sewqan ma ghandux u mistoqsi jghid jekk it-trukk kienx kopert b'xi polza ta' assikurazzjoni, wiegeb li ma jafx.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li dakinhar tas-27 ta' Jannar 2011 l-imputat kien qieghed jopera *hi-up* go *plant yard* li tinsab fil-vicinanzi ta' fejn gara l-incident. Jirrizulta wkoll li l-imputat kien qed jaghmel xoghol fuq trakk bil-gibb u kellu *crane* armat fuq it-trakk, hareg mill-*plant yard* fejn kien qed jaghmel ix-xoghol u nesa' jnizzel l-*arm* tal-*crane* bil-konsegwenza li meta kien fit-triq gibed il-*cables* tad-dawl, tal-kumpaniji GO u Melita, waqqa' xi arbli tad-dawl u kkaguna hsarat fuq zewg vetturi li kien hemm. Ghaldaqstant l-imputat gie akkuzat talli ghamel dawn il-hsarat u gie akkuzat ukoll li kien qed isuq minghajr licenzja u minghajr polza ta' assigurazzjoni. L-imputat gie akkuzat ukoll li huwa recidiv.

Illi qabel ma' l-Qorti tghaddi sabiex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat wahda wahda, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputat ikkaguna hsara nvolontarja ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, tal-Melita, tal-GO, ta' Domenic Sultana u ta' Raymond Farrugia.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**

**(Hsara ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta)**:

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat kien responsabbli ghall-hsarat kagunati ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta u hija sodisfatta wkoll li dawn il-hsarat gew effettivament mhallsa. Dan jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija minn Elizabeth El Khiate (*a fol.* 149 *et seq.*) fejn spjegat li l-imputat kien jahdem mar-ragel taghha u li sar kuntratt mal-Enemalta rigward il-modalitajiet ta' hlas. Hija tghid li l-ammont kollu gie mhallas. Ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "EK" (*a fol.* 151 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li ma saret l-ebda rinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat da parte tal-Korporazzjoni Enemalta. Ghaldaqstant, il-Qorti ser issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu *stante* li din giet sodisfacentement pruvata u, fir-rigward ta' piena, ser tiehu in konsiderazzjoni dak li nghad fir-rigward tal-hlas in kwistjoni.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**

**(Hsara ghad-detriment tal-kumpanija Melita)**:

Illi l-Qorti tinnota li mill-istima mmarkata bhala Dok. "SC" (*a fol.* 126) jirrizulta li l-hsarat kagunati fir-rigward tal-kumpanija Melita jammontaw ghal €2079.83 (exc. VAT).

Illi l-istima giet ezebita waqt id-depozizzjoni moghtija minn Sammy Camilleri (Gozo *area manager* (Melita Cable plc) – *a fol.* 125). Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Hsara ghad-detriment tal-kumpanija GO)</u>**:

Illi l-Qorti tinnota li minn dokument immarkat bhala Dok. "VS" (*a fol.* 20) jirrizulta li l-kumpanija GO garrbet hsarat li jammontaw ghal €472.21. Dan jirrizulta wkoll mid-depozizzjoni moghtija minn Vince Scicluna (*Senior Technical Officer* (GO plc) – *a fol.* 18 *et seq.*). Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li anke t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat gie sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Hsara ghad-detriment ta' Domenic Sultana)</u>**:

Illi, bhal fil-kaz tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputat kkawza hsara nvolontarja fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TWN 192 u dana ghad-detriment ta' Domenic Sultana. Il-Qorti tinnota li minn dokument immarkat bhala Dok. "DS" (*a fol.* 29) jirrizulta li Domenic Sultana garrab hsarat li jammontaw ghal €1666.16. Dan jirrizulta wkoll mid-depozizzjoni moghtija minn Domenic Sultana (*a fol.* 27 *et seq.* u *a fol.* 156 *et seq.*). Ghaldaqstant, l-imputat ser jinstab hati wkoll tar-raba' (4) imputazzjoni.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**

**(Hsara ghad-detriment ta' Raymond Farrugia)**:

Illi dak li nghad fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni japplika *mutatis mutandis* fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni u dana peress li jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputat ikkawza hsara nvolontarja fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBB 126 u dana ghad-detriment ta' Raymond Farrugia. Il-Qorti tinnota li minn dokument immarkat bhala Dok. "RF" (*a fol.* 32) jirrizulta li Raymond Farrugia garrab hsarat li jammontaw ghal €958.16. Dan jirrizulta wkoll mid-depozizzjoni moghtija minn Raymond Farrugia (*a fol.* 30 *et seq.*). Waqt is-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 154 *et seq.*) Raymond Farrugia xehed li l-hsarat kollha kagunati fil-vettura tieghu gew kollha mhallsa. Bhal fil-kaz tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li ma saret l-ebda rinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat da parte ta' Raymond Farrugia u b'hekk il-Qorti ser issib lill-imputat hati tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu *stante* li din giet sodisfacentement pruvata u, fir-rigward ta' piena, ser tiehu in konsiderazzjoni dak li nghad fir-rigward tal-hlas in kwistjoni.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni**

**(Sewqan minghajr licenzja)**:

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li d-difiza ezebit kopja ta' licenzja tas-sewqan tal-imputat (Dok. "JPG 1" – *a fol.* 140), ma jirrizultax li din il-licenzja giet registrata f'Malta ghaldaqstant jirrizulta li s-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Nuqqas ta' Polza ta' Assigurazzjoni)</u>**:

Illi mid-depozizzjoni moghtija minn Saviour Farrugia (rapprezentant ta' Transport Malta – *a fol.* 144 *et seq.*) jirrizulta li l-vettura in kwistjoni misjuqa mill-imputat kienet effettivament assigurata u ghaldaqstant is-seba' (7) imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tmien (8) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Recidiva)</u>**:

Illi l-Qorti tinnota li fl-atti processwali ma tirrizulta l-ebda sentenza li allegatament inghatat fil-konfront tal-imputat u ghaldaqstant il-Qorti mhijiex ser tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv u b'hekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni msemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-ewwel sitt imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodifacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati fil-konfront tal-imputat u li jirrizultaw pruvati, l-ammont tal-hsarat kagunati, il-fatt li uhud minn dawn il-hsarat gew mhallsa, u l-

fedina penali tal-imputat (Dok. "FT 1" – *a fol.* 16), liema fedina penali ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li filwaqt li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni, fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra li gew pruvati ghandu jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta liema piena tkun tikkomprendi ordni ta' hlas mill-imputat ghall-parti leza li ghadhom ma thallsux ghall-hsarat sofferti minnhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Suleiman Salem Hassan hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u filwaqt li, fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsin Euro (€150.00), fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra li gew pruvati fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum u tordna li sa zmien sitt (6) xhur millum l-imputat ihallas is-somma ta' elfejn u disgha u sebghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€2079.83) lill-kumpanija Melita, is-somma ta' erbgha mija u tnejn u sebghin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€472.21) lill-kumpanija GO, u s-somma ta' elf, sitt mija u sitta u sittin Euro u sittax-il centezmu (€1666.16) lil Domenic Sultana.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta'

kundizzjonata u jekk ma jhallasx l-ammonti msemmija hawn fuq lill-persuni ndikati fiz-zmien lilu moghti.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' elf u tmienja u hamsin Euro u tmintax-il centezmu (€1,058.18).[1]

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Perit Guido Vella: €600.86 (*a fol.* 44 *tergo*); Is-Sur Joe Zammit: €332.82 (*a fol.* 112 *tergo*); Is-Sur Max Xuereb: €124.50 (*a fol.* 114 *tergo*).